MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 335/2010

**GASANMAMO INSURANCE LIMITED (C- 8148) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Luiga Grech u Joseph Grech ezercenti l-Kummerc taht l-isem GRECH's CENTRAL STORE**

**vs**

**John Ripard & Son (Shipping) Limited (C-20097) proprio u bhala agenti ta' Chiao Feng Shipping**

I PRELIMINARI

**It-Tribunal,**

**Ra** li fl-AVVIZ hemm TALBA ghall-hlas ta' tmien mija u sebgha Ewro, sebgha u tlettin centezmi (€807.37c) bhala danni li hi hallset lill-assigurat taghha Luiga Grech u Joseph Grech – li minn naha taghhom issurrogawha fid-drittijiet taghhom – u dana wara li fid-19 ta' Frar 2009 waslu Malta varji kaxxi *glassware* mic-Cina, bi hsarat u nuqqasijiet.

Bl-ispejjes u mghaxijiet.

**Ra** li s-socjeta' konvenuta pro et noe ressqet ECCEZZJONIJIET hekk:-

1. Illi skond il-Bill of Lading in kwistjoni "any proceedings against the carrier must be brought in the courts of the People's Republic of China" ghalhekk dan it-tribunal ma ghandux gurisdizzjoni biex jikkonsidra dan il-kaz.
2. Minghajr pregudizzju ghal fuq espost t-talba attrici fil-konfront ta' John Ripard & Son Limited proprio huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes billi s-socjeta' konvenuta proprio ma ghanda ebda relazzjoni guridika mas-socjea' attrici.

3. Minghajr pregudizzju ghal fuq espost t-talba attrici fil-konfront ta' John Ripard & Son (Shipping) Limited bhala agent ta' Chiao Feng Shipping hija ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes ghaliex Chiao Feng Shipping ikkonsenjaw il-merkanzija fl-istat li irceviet l-istess u mhiex risponsabbli ai termini tal-Bill of Lading.

4. Minghajr pregudizzju ghal fuq espost s-socjeta' Chiao Feng Shipping qatt ma rceviet rapport indipendenti ta' surveyor li jipprova r-raguni tal-allegat hsara u l-ammont ta' danni. Ghalhekk ukoll it-talba hi kontestata.

5. Minghajr pregudizzju, ir-responsabilita' tas-"shipper" hi limitata skond il-polza.

**Ra** li b'decizjoni *in parte* tal-25 ta' Jannar 2011 l-eccezzjoni preliminari dwar gurisdizzjoni giet michuda u l-kawza thalliet ghall-konsiderazzjoni tal-bqija.

II PROVI

1. **John Galdes**, Senior Manager fil-Claims Department tas-socjeta' attrici qal li Grech Central Stores tal-assikurati Grech li kelhom assikurata maghhom konsenja mic-Cina ta' dekorazzjonijiet tad-dar. Meta gew

konsenjati lil Grech instabu hsarat u nuqqasijiet ghall-valur ta’ €807.37c. Is-socjeta’ attrici hallset dan u giet surrogata fid-drittijiet ta’ Grech.

2. Il-hatt u konsenja ta’ merkanzija saret f’Malta.

3. Il-polza tal-karigu relativa giet esibita mis-socjeta’ konvenuta u tinsab *a fol* 22 *et seq* tal-process.

4. **Clint Farrugia**, *Claims Handler* mas-socjeta’ attrici ikkonferma li l-konsenja kienet imhollija minn Grech f’idejn is-socjeta’ konvenuta. Hu esebixxa bhala Dok CF2 il-“Gate Pass-Out”, firmat mill-klijent u mill-haddiema tal-konvenut li juri tliet ornamenti nieqsa u tnejn imkissra. Meta l-klijent beda jiftah il-merkanzija nnota ornament iehor imkisser. Dwar il-ksur hemm ir-ritratt Dok CF3 (a-c). Id-Dok CF4 hu l-“packing list” cioe’ kif telqu l-oggetti. Dok CF5 hu s-“sales order” – dak li gie ordnat. Id-Dok CF 6 hu s-“subrogation form” favur is-socjeta’ attrici.

Fil-fatt id-Dok CF1 sa 6 (*a fol* 71 *et seq*) gew esibiti b’Nota. Dok CF1 hu n-“Notice of Arrival”.

5. **Gordon Axiaq**, Deputy Manager, Claims Dept. mas-socjeta’ attrici qal li fit-2 ta’ Marzu 2009 Grech cemplilhom dwar il-hsara. Baghtulhom Claim Form u talbuhom ritratti, jekk possibbli. Intbaghtulhom id-dokumenti kollha li talbuhom (ara Dok CF1-6) u hallsu lil Grech l-ammont mitlub fl-AVVIZ.

6. Esebixxa l-*Claim Report* Dok GA, li hu approva. Hadimha Clint Farrugia. Jekk saru xi negozjati bejn Clint u Ripard, hu qatt ma kien prezenti. Ma ngabulhomx dokumenti li juru kif kienet il-merkanzija qabel telghet abbord. Il-“Gate Pass-Out” saret Hal Far.

7. **Aldo Mifsud**, ghall-Kontorollur tad-Dwana, qal li l-“Gate Pass-Out” gie firmat minn Anthony Vella. Huma ma ezaminawx il-konsenja. Ma kienetx dehret il-htiega ta’ “hands on inspection”. Fuq id-Dok CF2 (Gate Pass-Out) hemm il-firma ta’ Joe Theuma ta’ Ripard, *bond operator*.

8. **Joseph Grech** qal ilu 40 sena jahdem ma Grech Central Store, Rabat, Ghawdex. Hi ditta tal-familja li tista tghid imexxiha hu. Kien hu stess li gabar il-merkanzja in kwistjoni mill-*bondage stores* ta' Ripard f'Hal Far wara li rcieva d-Dok CF1. Malli gabar l-ewwel kaxxa tal-injam u beda jisma c-cekcik, mill-esperjenza nduna li kien hemm xi ksur. Fil-"Gate Pass-Out" jaghraf il-firma tieghu. Min kien *incharge* mill-*bondage stores* innota bhalu. Ikkonferma r-ritratti Dok CF3 (a-c). Meta mar Ghawdex u fetah il-kaxxi kollha ikkonstata l-ksur li dwaru thallsu mis-socjeta' attrici il-*quantum* li qed jintalab fl-AVVIZ.

9. **Conrad Anastasi**, *bond operator* mas-socjeta' konvenuta qal li Grech kellhom merkanzija go *groupage container*. Din kienet f'kaxxi tal-injam u n-nies taghhom immaniggjawhom billi qeghduhom fuq pallets. Meta gew ha jhottuhom kienu ndunaw li tnejn minnhom kellhom hsara fuq barra, fl-injam u dan hu notat fil-manifest.

10. Ix-xoghol kien *quick release*, jigifieri l-klijent ihallas id-dazju u VAT u x-xoghol ma jigix spezzjonat direttament mid-Dwana. Il-klijent jinghata d-dokumentazzjoni mehtiega ghall-hrug minn Hal Far. Ix-xhud kien prezenti ghall-process kollu.

11. Il-klijent fetah il-kaxxi. Flok 92 *items* sab 89. Hawn ix-xhud ghamel riferenza ghad-Dok CD1, 2 u 3 ga msemmija sa mill-bidunett tal-gbir tax-xhieda.

12. Ix-xhud qal, in kontro-ezami, li l-agent taghhom xtara l-ispazju gol-*container* fic-Cina. Dan ikun tax-*Shipping Agent* u huma ma ndahlux dwar *shipper* mic-Cina. Spicca jghid hekk:-

*"Nimmagina illi meta jkun hemm loading tal-merkanzija fil-containers ikun hemm xi tip ta' tally sheets imma jiena ma nafx xejn dwar dan. Cgiao Feng Shipping huma, kemm jistghu ikunu l-agenti taghna jew ahna nkunu l-agenti taghhom skond kif jigi ordnat ix-xoghol"*

13. Wara dan, ix-xhud D'Anastasi raga xehed li qal li wara verifika ulterjuri sab li Grech kienu qabbdu lix-

*shippers* huma: ara Dok CD *a fol* 112. Skond CD1 jidher li Chiao Feng ircevew 29 *crate*. Tghabbew ma xoghol iehor fil-*container* tas-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta ma kienetx qed tagixxi ta' agenti ta' Chiao Feng Shipping. Huma kienu r-*releasing agency*. Grech xtraw ix-xoghol direttament minn barra. Grech ma kkuntattjawx lis-socjeta' konvenuta biex tkun agent taghhom imma kkuntattjawhom biss biex ikunu r-*releasing agents.*

III KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL jikkunsidra kif gej:-

1. Hu konstatat li s-socjeta' attrici hallset lill-assigurati taghha il-*quantum* mitlub ta' €807.37 ghal hsarat fil-merkanzija li waslet Malta u harget minn Hal Far permezz tal-*Gate Pass Out* datat 25.02.08.

2. Ghalkemm fir-raba eccezzjoni hemm li s-socjeta' konvenuta qatt ma rceviet rapport ta' surveyor tal-allegata hsara u l-ammont ta' danni, it-TRIBUNAL iqis li s-socjeta' konvenuta qatt ma effettivament ikkumbattiet dan u fir-rigward, dak ix-xhieda tal-impjegati tas-socjeta' attrici u tal-assigurat Joseph Grech hi prova accettabbli.

3. Dwar responsabilta', Grech kellhom dritt jistennew li x-xoghol jasal ghandhom shieh u responsabbli li dan isir kien min garr il-merkanzija li kellu dmir jara li din tigi fl-ewwel lok konsenjata lilu kif ghandu jkun bhala ghadd u kondizzjoni kif ukoll li tingarr sew u tasal ghand id-destinatarju fl-ghadd mixtrija, u qawwija u shieha.

4. Ma jidhirx li min laqa l-merkanzija in kwistjoni nnota xihaga mhiex flokha meta din waslet ghal gol-*groupage container*. Izda r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta sata jara l-hsara tal-kaxxi tal-injam, u l-hsara tal-kontenut meta l-kaxxi nfethu quddiemu f'Hal Far. Hsara aktar preciza giet verifikata meta l-merkanzija nhattet ghal kollox meta waslet fi Grech Central Store fir-Rabat, Ghawdex.

5. Ix-xhud Conrad D'Anastasi tas-socjeta' konvenuta xehed li Grech ordnaw il-merkanzija direttament minn

barra u f’Malta kkuntattjawhom biss bhala *releasing agents.* Imma mhux daqshekk biss. Is-socjea’ konvenuta qed titharrek bhala agent ta’ qed titharrek bhala agent ta’ Chiao Feng Shipping u t-TRIBUNAL isib li, f’din il-kwalita’, hi responsabbli ghad-danni reklamati.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) jichad it-talba attrici in kwantu hi diretta kontra s-socjeta’ konvenuta *proprio* u konsegwentement jilqa t-tieni eccezzjoni mressqa (2) jaccetta t-talba attrici in kwantu hi diretta kontra s-socjeta’ konvenuta *nomine* (3) jichad it-tielet ir-raba u l-hames eccezzjoni (4) jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta John Ripard & Son (Shipping) Ltd bhala agent ta’ Chiao Feng Shipping (C 20097) biex thallas lis-socjeta’ attrici il-*quantum* ta’ tmien mija u sebgha Ewro, sebgha u tlettin centezmi (€807.37c) u (5) jiddeciedi li l-ispejjes tal-kawza, inkluzi dawk tas-sentenza preliminari tal-25 ta’ Jannar 2011 jithallsu mis-socjeta’ konvenuta nomine li (6) hi kundannata wkoll thallas l-imghax fuq il-*quantum* imsemmi mit-8 ta’ Frar 2010 sal-jum tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------